MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 395/2008

Carmelo Vassallo (Id. 42045M) u Josephine Vassallo (Id. 595454M).

Vs

Ivan Muscat.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' mitejn u disa Ewro u erba u sittin centezmi (€209.64) rapprezentanti danni sofferti mill-esponenti meta l-konvenut kisser tabella ta' hanut proprjeta' tal-atturi. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi (i) t-talba tal-atturi qed tigi kontestata peress illi fl-ewwel lok it-tabella ntlaqtet

mill-konvenut mhux minhabba n-negligenza tieghu izda peress li t-tabella tinsab sporguta ‘l barra mill-faccata aktar milli permess mill-ligi, oltre l-fatt li l-istess tabella twahlet minghajr permess tal-Awtorita’ kompetenti; (ii) fit-tieni lok jinghad li m’hux minnu li t-tabella tkisret u fil-fatt l-istess tabella regghet twahlet lura fil-post fejn ghadha hemm sa llum. B’riserva ghal risposta ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda tal-attur Carmelo Vassallo.

Sema’ x-xhieda tal-attrici Josephine Vassallo.

Sema’ x-xhieda ta’ Tony Decelis prodott mill-atturi.

Sema’ x-xhieda ta’ Jimmy Vassallo prodott mill-atturi.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Ivan Muscat.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Ili din hija kawza ghall-hlas ta’ danni li gew ikkagunati lill-atturi meta l-konvenut, qala t-tabella tal-hanut taghhom minn mal-hajt waqt li kien qieghed isuq it-trakk tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-konvenut qala t-tabella waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda biss l-ammont li l-atturi qedin jitolbu in linea ta’ danni minnhom sofferti. Ghalhekk it-Tribunal mhuwiex ser jidhol fil-kwistjoni dwar kif gara u ma garax l-incident in ezami.

Illi alavolja l-konvenut jecepixxi li t-tabella inqalghet minhabba li kienet qed tisporgi ‘l barra izjed milli suppost,

dan il-fatt bl-ebda mod ma gie ppruvat. Fil-fatt lanqas biss sar xi accenn ghal dan fix-xhieda tal-konvenut stess. Ghalhekk t-Tribunal huwa ta' l-oppinjoni li tali eccezzjoni ma tistghax tigi milqugha.

Fir-rigward tal-kwantum tad-danni, jinghad li filwaqt illi l-atturi qedin jitolbu l-ammont ta' mitejn u disa Ewro u erba u sittin centezmi (€209.64), ekwivalenti ghal Lm90, skond il-konvenut id-danni kkawzati minnu ma setghux jissuperaw l-ammont cirka sebghin Ewro (€70) (Lm30).

Illi fix-xhieda taghhom l-atturi ftit li xejn tefghu dawl fuq il-kwistjoni tal-kwantum tad-danni. Huma kkonfermaw li kienu hadu t-tabella ghand il-mastrudaxxa li kien hadimha originarjament sabiex dan isewwiha. Skond huma l-mastrudaxxa kien talabhom is-somma ta' Lm90 ghax-xoghol ta' tiswija.

Minn-naha tieghu l-mastrudaxx Tony Decelis xehed illi huwa kien sewwa l-hsara kawzata fit-tabella u li ta' dan ix-xoghol kien thallas l-ammont ta' disghin lira Maltin (Lm90). L-istess xhud ma semma xejn dwar xi xogholijiet ulterjuri li kienu saru fuq it-tabella u l-armatura taghha. Ta' min isemmi wkoll li x-xhieda moghtija minn dan ix-xhud ma kienet xejn konsistenti fir-rigward ta' meta kiteb l-ircevuta li ezebixxa hu stess. Ix-xhud l-ewwel xehed illi <u>kien ghadu kif lesta karta</u> sabiex juri x'kien thallas ghax-xoghol li ghamel, izda fl-istess nifs xehed illi dik l-istess karta kien lestiha xi <u>sena ilu</u> meta kien ghamel ix-xoghol. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li dan m'huwiex xhud kredibbli u mhux ser jaghti piz lix-xhieda tieghu.

Oltre din l-inkonsistenza grossolana, t-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex l-ircevuta tal-hlas li ghamlu l-atturi kienet tinsab f'idejn il-mastrudaxxa u mhux f'idejhom kif kien ikun logiku li jsir. Ir-risposta ghal dan tohrog mix-xhieda tal-attur stess waqt il-kontro ezami tieghu meta kkonferma li l-mastrudaxxa kien kiteb l-ircevuta wara li kienet bdiet il-kawza fuq talba tieghu stess! Ghalhekk huwa ovvju li din l-ircevuta giet fabrikata bhala prova in sostenn tat-talba tal-atturi meta huma ndunaw li kellhom bzonn jezebixxu prova dokumentarja konkreta.

Oltre dan, kompliet tizdied l-inkonsistenza tal-versjoni tal-atturi meta saru domandi in kontro ezami lit-tifel tal-atturi, Jimmy Vassallo. Dan ghaliex f'daqqa wahda rrizulta li x-xoghol li ghamel il-mastrudaxxa fuq it-tabella mar ben oltre ix-xoghol ta' tiswija tal-hsarat. Fil-fatt skond ix-xhieda ta' Jimmy Vassallo, l-mastrudaxxa gie ordnat sabiex idur it-tabella u jgibha qisha gdida u li ta' dan ix-xoghol il-mastrudaxxa kien thallas l-ammont ta' Lm150. Irrizulta li l-mastrudaxxa kien ta passata zebgha u zejt lit-tabella u l-armatura taghha, fost affarijiet ohra. Irrizulta wkoll illi l-mastrudaxxa ma kienx hareg ircevuta ghall-ammont ta' Lm150 izda kiteb biss l-ircevuta ghall-ammont ta' Lm90!

Illi minn-naha tieghu l-konvenut xehed li meta gara l-incident huwa seta jikkostata li kien hemm ftit hsara u li din kienet tikkonsisti principalment fil-brackets tal-hadid li kienu inkissru. Skond hu l-hsara b'kollox kienet tammonta biss ghal madwar Lm25 jew Lm30.

Illi tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li permezz tal-kawza odjerna, l-atturi qedin jittentaw li jirkupraw il-massimu li jistghu mill-incident li sehh. Fl-ewwel lok, alavolja t-tabella kellha bzonn certu tiswija partikolari, l-atturi ddecidew li jduruha sew u jgibuha qisha gdida. Dan il-fatt pero, ppruvaw izommuh mistur, sakemm harget il-verita' u dan wassal sabiex it-Tribunal ftit li xejn ikun konvint mill-versjoni taghhom. Fit-tieni lok mbaghad hemm it-tahwida shiha fir-rigward ta' l-ircevuta mahruga mill-mastrudaxxa u dan ikompli jikkonvinci t-Tribunal illi l-ammont mitlub mill-atturi m'huwiex dovut fl-intier tieghu.

Illi l-konvenut qatt ma pprova jahrab mir-responsabbilta' tieghu li jhallas l-ispejjes tad-danni li hu stess jammetti li kkaguna. Minn-naha l-ohra, l-konvenut m'ghandux jehel spejjes li jmorru ben oltre dak li gew ikkagunati minnu.

In vista ta' dan kollu, t-Tribunal huwa dispost li jemmen il-versjoni tal-konvenut u jaccetta illi d-danni minnu kkagunati kienu jammontaw biss ghal madwar Lm30, u cioe sebghin Ewro (€70).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-atturi limitatament fl-ammont ta' sebghin Ewro (€70.00), u b'hekk jikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' sebghin Ewro (€70.00), bl-imghax mid-data tas-sentenza. Fic-cirkostanzi, l-ispejjes tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------